**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 12 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 83/2020 AF**

**Dorianne Pawney**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi Dorianne Pawney li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti sfat vittma ta' atti vjolenti, inkluż theddid serju, swat u segwiment ta' persuna (*stalking*), kommessi mill-ex sieħeb tagħha Raymond Caruana; liema atti ġew kommessi wkoll fil-konfront u fil-presenza ta' uliedha minuri.

Dawn l-atti ġew irraportati lill-pulizija u sussegwentement inħarġet Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali a favur tagħha u ta' uliedha, b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Josette Demicoli nhar id-29 ta' Lulju 2019.

Nonostante l-Ordni ta' Trazzin, l-esponenti għadha qed tiġi persegwitata kontinwament mill-istess Raymond Caruana, liema aġir vjolenti dejjem ġie rrapportat lill-pulizija għal dawn l-aħħar ħdax(11)-il xahar.

Di più, l-aggressur tal-esponenti kemm-il darba heddidha sabiex titlob lil Qorti Kriminali tirrevoka  l-Ordni ta' Trazzin, kif ukoll heddedidha li mhux ser jattendi għas-seduti sabiex itawwal il-proċess,  tant li hemm proċeduri sommarji li ilhom jiġu differiti għal dawn l-ahhar xhur stante li l-liġi tirrikjedi l-presenza tal-imputat sabiex ikun hemm il-prosegwiment ta' kawża kriminali.

Sal-ġurnata preżenti, l-aġir tal-aggressur tal-esponenti ma ssokta xejn u għadha qed tirċievi theddid serju, inkluż segwiment tal-persuna tagħha, kif ukoll theddid li jweġġa' serjament lill-avukat sottoskrit Dr. Stephanie Caruana u l-ħaddiema soċjali tal-esponenti; liema aġir eskala f'dawn l-aħħar xahar. Illi dan kollu ġie rapportat lill-pulizija.

Kull darba li sar rapport f'dawn l-aħħar ġimgħat, hija talbet lill-pulizija għal aktar informazzjoni, tramite l-Avukata tagħha, dwar x'passi immedjati kienu ser jittieħdu. Iżda sal-ġurnata preżenti għadha ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar x'passi se jittieħdu, u li l-aħħar informazzjoni li ngħatat kienet jumejn ilu,

fejn infurmawha li għalkemm bagħtu għall-aggressur tagħha, huwa ma marx l-għassa u lanqas ma jistgħu isibuh.

L-esponenti u wliedha qegħdin jgħixu f'biża' kontinwa u anzjetà kbira tant illi dan qed ikun ta' detriment għal saħħitha u saħħet uliedha, kemm fiżikament kif ukoll psikoloġikament.

In-nuqqas ta' azzjoni immedjata, informazzjoni u sigurtà da parti tal-pulizija qiegħed ikompli jikkaġuna aktar ħsara tant li l-esponenti kellha tirrikori għall-għajnuna psikoloġika.

Di più, Malta rratifikat u implementat l-Konvenzjoni ta' Istanbul; liema konvenzjoni speċifikament tirrikjedi azzjoni pożittiva tal-Istat sabiex jipprevjeni u jipproteġi lin-nisa minn din it-tip ta' vjolenza. Dan ġie anke rikkonoxxut mill-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza *Claire Pisani v AG et* datata 27 ta' Marzu, 2020.

Fl-umili fehma tal-esponenti dan jikkostitwixxi nuqqas serju **fl-obbligazzjonijiet pożittivi** tal-intimati, jew min minnhom, fil-qadi ta' dmirijiethom; partikolarment is-salvagwardja tas-sigurtà, id-dinjità u l-privatezza tal-esponenti u l-familjari tagħha. Konsegwentement, l-aġir tal-intimati jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, u dan anke in vista tar-raġunijiet segwenti:-

Illi n-nuqqas assolut ta' protezzjoni u nfurzar tal-liġi u tal-Ordnijiet tal-Qrati ta' Malta da parti tal-intimati jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti;

a. Illi dan qed ikollu impatt fuq il-ħajja privata tagħha u ta' uliedha minuri;

b. Illi n-nuqqas ta' rimedji effettivi qed ikollu impatt serju u gravi fuq ħajjitha u dawk ta' uliedha;

c. Illi n-nuqqas ta' azzjoni u transpozzizjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul hija wkoll diskriminatorja a bażi tal-ġeneru tal-esponenti.

Fil-kumpless ta' dawn iċ-ċirkustanzi għandu jirriżulta ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, hekk kif

ikkontemplati fl-Artikolu 32 magħdud mal-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-Artikoli 3, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem; u l-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati, jew min minnhom, kif hawn fuq premess tammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti taħt l-Artikoli 36, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u l-Artikoli 3, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tagħti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti jiġu salvagwardjati fis-sens premess; u tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iwettqu tali rimedji fi żmien qasir u perentorju;

3. Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif premess, u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-istess fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Qabel xejn dawn il-proceduri ma jistghux jitqiesu bhala shah ghaliex hemm nieqes fihom Raymond Caruana. Il-prezenza ta' Raymond Caruana f'din il-kawza hija mehtiega ladarba r-rikorrenti ressqet allegazzjonijiet qawwija kontra tieghu. Huwa naturali li biex ir-rikorrenti tista' tirnexxi f'din il-kawza hija trid tikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti li dawn l-allegazzjonijiet huma tassew minnhom. Ghalhekk la din l-Onorabbli Qorti trid tikkonferma jew tichad dawn l-allegazzjonijiet, huwa xieraq li Raymond Caruana jkun parti f'dawn il-proceduri sabiex dan ma

jigix wara u jghid li din l-Onorabbli Qorti ddecidiet dwaru fl-assenza tieghu. Minbarra dan, jidher ukoll li l-prezenza ta’ Raymond Caruana hija mehtiega, jekk kemm-il darba fit-tieni talba taghha, ir-rikorrenti qieghda titlob li l-intimati jiehdu xi rimedju li jista’ jolqot lill-imsemmi Raymond Caruana.

B’rabta mal-ewwel talba, l-esponenti jiddikjaraw minnufih li huma ma kisru l-ebda wiehed mill-jeddijiet fundamentali taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors taghha. Ghalkemm fil-premessi tar-rikors kostituzzjonali (imma mhux ukoll fit-talbiet finali) jissemmew l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kap. 532 tal-Ligijiet ta' Malta, dan x'aktarx huwa zball. Ir-rikorrenti ma tistax tinqeda’ bl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghaliex skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan mhuwiex wiehed minn dawk l-artikoli li jaghti dritt ta’ azzjoni quddiem qorti b’setghat kostituzzjonali, b’rabta mal-harsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Hekk ukoll hija lanqas ma tista’ tinqeda bl-artikolu 18 tal-Kap. 532 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex dan il-kap tal-ligi gie mhassar bl-Att XIII tal-2018.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jichdu bil-qawwa kollha li huma qatt poggew lir-rikorrenti ghal xi trattament inuman jew degradanti. Wara kollox ir-rikorrenti ma gietx maltrattata, imsawwta jew imzebilha minn xi hadd mill-intimati jew mill-lstat.

F’dan ir-rigward ir-rikorrenti lanqas ma tghid sew li l-intimati naqsu mill-obbligi pozittivi taghhom milli jiehdu azzjoni immedjata u effettiva dwar is-sitwazzjoni li hija ghandha ma’ Raymond Caruana. Barra mill-fatt, li r-rikorrenti tonqos milli tfisser b'mod car x’kienu dawk l-affarijiet li l-intimati naqsu milli jwettqu jew x’kienu dawk il-mizuri li suppost ghamlu, jissokta jinghad li min-naha taghhom l-intimati ghamlu dak kollu li kien fis-setgha taghhom sabiex jghinu lir-rikorrenti.

Kull ilment ii gie ghall-attenzjoni tal-Pulizija gie meqjus b’mod serju, b'reqqa u skont il-ligi. Il-Pulizija dejjem ghamlet l-almu taghha biex twettaq dmirijietha u dan ghamlitu bil-mezzi kollha

disponibbli ghaliha u skont l-ahjar hila possibli. Kemm hu hekk, il-Pulizija ga kienu arrestaw lil Raymond Caruana fuq suspett ta' twettiq ta' reat, liema arrest preventiv gie konvalidat ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Mejju 2020. Mhuwiex sew ghalhekk li r-rikorrenti tixli lill-imharrkin bi trattament mhux uman u degradanti.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dan ma huwa misthoqq xejn. Ma jirrizultax li xi hadd mill-intimati qieghed icahhad lir-rikorrenti mill-jedd taghha illi ticcaqlaq fejn trid. Minn dak li qed jifhmu l-esponenti, ir-rikorrenti hija hielsa li ticcaqlaq fejn trid gewwa Malta, li tmur toqghod fejn tixtieq f'Malta u li tohrog u tidhol f'Malta minghajr xkiel.

Dwar l-ilment tar-rikorrenti fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti mhumiex qeghdin jifhmu x'inhuwa l-ghemil diskiminatorju li suppost qieghed jigi mwettaq minnhom. Minbarra dan, ir-rikorrenti ma tipprovdi l-ebda hjiel ma' min hija allegatament giet diskriminata.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, jissokta jinghad li l-esponenti mhumiex jifhmu b'liema mod huma qeghdin ikasbru l-jedd taghha ghall-privatezza. Mir-rikors kostituzzjonali ma jirrizultax li mill-intimati qieghed jindahal kif ghandha tghix ir-rikorrenti jew b'xi mod jindahlilha fl-ghazliet ta' hajjitha.

Jekk l-ilment taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea sar minhabba li r-rikorrent thoss li l-intimati naqsu milli jipproteguha minn Raymond Caruana, l-esponenti jergghu itennu dak li qalu aktar kmieni f'din it-twegiba, jigifieri illi huma ghamlu dak kollu li kien possibbli u mistenni minnhom skont il-ligi.

Fl-ahharnett sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejes fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa wkoll koncettwalment hazin. Dawn il-proceduri kostituzzjonali stess ghandhom is-sahha li jaghtu rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament gew miksura lilha xi drittijiet li huma mharsa taht il-Konvenzjoni Ewropea.

L-artikolu 13 ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha hija awtorità nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li tassew sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Fuq kollox imbaghad wiehed ma jridx jinsa li r-rikorrenti qieghda tressaq ilmenti li huma mharsa biss bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea, b'dan ghalhekk li hija ma tistax tippretendi li azzjoni bhal din ma tkunx fil-forum kostituzzjonali.

Naturalment la darba fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrent ma garrbet l-ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali kif mitluba fl-ewwel talba taghha, allura lanqas ma jistghu jigu milqugha t-tieni u t-tielet talba taghha dwar ir-rimedji li qed tippretendi li tikseb.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża dwar allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti b'rabta ma' rapporti li hija għamlet dwar vjolenza domestika subita minnha.

L-Avukat tal-Istat eċċepixxa n-nuqqas t'integrità tal-ġudizzju stante l-fatt illi l-aggressur tar-rikorrenti mhuwiex parti f'dawn il-proċeduri. F'dan ir-rigward ingħad illi la darba saru allegazzjonijiet fil-konfront tal-aggressur allura dan għandu jkun parteċipi f'dawn il-proċeduri sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument kif propost mill-Avukat tal-Istat. Tqis illi għalkemm saru allegazzjonijiet fil-konfront tal-agressur, allegazzjonijiet li jinsabu riflessi f'rapporti u trattati f'sentenzi tal-Qorti, din il-kawża mhijiex diretta fil-konfront tal-aggressur. Din tal-lum hija kawża ta' indole kostituzzjonali

diretta esklussivament fil-konfront tal-istat u tal-awtoritajiet konċernati tant illi r-rimedju li qegħda titlob ir-rikorrenti huwa dwar nuqqasijiet kommessi mill-istat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Għalhekk, jekk kemm il-darba jirriżulta ppruvat il-mertu tal-azzjoni u allura jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, abbażi ta' stregwa eżawrjenti ta' ġurisprudenza f'dan ir-rigward, huwa l-istat u mhux l-aggressur li jrid iwieġeb għat-talbiet attriċi. Ferm il-premess, ġa la darba l-aggressur mhuwiex parti minn dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis bħala opportun li għall fini tal-preżervazzjoni ta' kull dritt li jista' jkollu l-aggressur, għandha tiġi evitata kull referenza diretta għall-aggressur li għaldaqstant mhuwiex sejjer jibqa' jissemma' b'ismu.

Ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt illi minkejja kemm rapporti għamlet dwar dak illi kienet għaddejja minnu, il-Pulizija Eżekuttiva naqset milli tieħu azzjoni effettiva u mmedjata u b'hekk l-aggressur tagħha mhux talli baqa' fil-libertà assoluta talli addirittura kompla jippersegwitaha u jassoġġettaha għal aktar vjolenza domestika tant illi ngħalqet ġewwa kawża tal-biża li nissel fiha. Tgħid għalhekk illi in-nuqqasijiet da parti tal-Pulizija in kwantu m'aġixxewx tempestivi issarfu fi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 36, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll ksur tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikoli 3, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Titlob għalhekk li jingħataw rimedji u direttivi sabiex id-drittijiet tagħha jiġu mħarsa. Ir-rikorrenti talbet ukoll il-likwidazzjoni ta' kumpens għad-danni minnha sofferti.

Mill-provi li tressqu in atti jidher bl-aktar mod car illi r-rikorrenti inqabdet f'relazzjoni intima morbuża fejn is-sieħeb tagħha ħa kontroll ta' ħajjitha u instawra fiha biża konsegwenza ta' theddid serjissimu għas-saħħa u s-siġurtà tagħha u tal-familja tagħha. Jirriżulta illi r-rikorrenti sfat vittma ta' vjolenza domestika kemm ta' natura fiżika kif ukoll ta' natura psikoloġika u dan kif xehdet hi stess u kif ġie korroborat sia mill-uffiċjali tal-Pulizija li assistewha kif ukoll mill-ħaddiema soċjali nkarigati mill-każ tagħha. Essendo dan mhuwiex proċess penali kontra l-aggressur, il-Qorti tqis illi għall-fini tad-dinjità tar-rikorrenti m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ripetuti l-atti kollha li għalihom ġiet

soġġettata r-rikorrenti. Mix-xhieda u l-provi in atti l-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni għaliex m'għandiex tagħti affidament għall-verżjoni tal-fatti kif rakkontata mir-rikorrenti liema verżjoni tinsab ukoll korroborata minn rapporti li saru mir-rikorrenti u li kopja tagħhom tinsab esebita fl-atti. Aktar minn hekk, il-Qorti għandha l-konfort ta' sentenza mogħtija fis-29 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tal-aggressur li fuq ammissjoni, nstab ħati li beżża' u hedded lir-rikorrenti u lill-uliedha li kienet sejra tintuża l-vjolenza fuq il-persuna tagħhom u ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn. Fl-istess okkażjoni l-Qorti ordnat illi ai termini tal-Artikolu 412C (3) tal-Kodiċi Kriminali, tinħareġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u favur ir-rikorrenti u l-familjari tagħha għal żmien tlett snin mid-data tas-sentenza. Mid-digriet li ngħata kontestwalment mal-istess sentenza, liema digiret jifforma parti integrali minn dik is-sentenza, jirriżulta illi fost il-kondizzjonijiet marbuta mal-Ordni għat-Trazzin hemm indikat illi jekk tali ordni tinkiser mingħajr raġuni valida l-ħati jeħel multa fis-somma ta' €7,000 jew priġunerija għal terminu massimu ta' sitt xhur jew il-multa u priġunerija flimkien.

Minkejja l-Ordni għat-Trazzin kif maħruġa fid-29 ta' Lulju 2019, l-aggressur ippersista bl-aġir tiegħu u kompla jbeżża' u jhedded lir-rikorrenti u lill-uliedha tant illi kien hemm żmien fejn din ġiet kostretta tidħol f'*shelter* waqt illi fi żmienijiet oħra ssakkret ġewwa darha sakemm fil-11 ta' Mejju 2020 ċemplet l-għassa tal-Imsida u rrapportat dak illi kien ġralha. Bejn li dak iż-żmien il-pajjiż kien jinsab taħt diversi restrizzjonijiet kawża tal-pandemija tal-Covid-19 u bejn il-biża li r-rikorrenti kellha sabiex toħroġ minn darha, dakinhar tal-11 ta' Mejju 2020 ma sarx rapport bil-miktub. L-għada 12 ta' Mejju 2020 daħal rapport permezz ta' *e-mail* li ntbagħtet mill-Avukat tar-rikorrenti. L-Ispettur Colin Sheldon u l-Ispettur Jonathan Ransley fissru illi meta jsir rapport dwar vjolenza domestika il-proċedura titlob illi jsir *risk assessment* mill-ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. Ir-*risk assessment* sar fis-17 ta' Mejju 2020 u rriżulta li dan kien każ *high risk*. Fis-17 ta' Mejju 2020 il-Pulizija ħejjiet mandat t'arrest fil-konfront tal-aggressur li ġie arrestat fit-18 ta' Mejju 2020, ittiħditlu stqarrija fid-19 ta' Mejju 2020 u fl-20 ta' Mejju 2020 ġie mressaq quddiem il-Qorti akkużat talli:

*"Nhar is-16 ta' Mejju 2020 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa .... u f'dawn il-gżejjer:*

1. *Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lill-ex-partner tiegħu Dorianne Pawney u lit-tfal tagħha biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra d-dixxendenti/axxendenti tagħhom u dan bi ksur tal-Artikolu 251(B)(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Ukoll talli għamel inġurji jew theddid lill-ex partner tiegħu Dorianne Pawney mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta;*

3. *Ukoll talli ksirt il-provediment ta' Ordni ta' Probation mogħtija fil-konfront tiegħek b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta, Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.., nhar id-29 ta' Lulju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;*

4. *Ukoll talli inqast li tosserva jew ksirt il-provedimenti ta' Ordni ta' Trazzin mogħtija fil-konfront tiegħek fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurta' ta' Dorianne Pawney b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta, Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.., nhar id-29 ta' Lulju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Dorianne Pawney u l-familjari tagħha billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta*."

L-Ispettur Sheldon xehed illi dawn l-akkużi nħarġu fil-konfront ta' Caruana abbażi tar-rapporti li saru mir-rikorrenti fl-14, 15 u 16 ta' Mejju 2020.

Min-noti li jirriżultaw mill-istess rapporti jidher illi l-imputat wieġeb bħala li mhux ħati tal-akkużi mressqa fil-konfront tiegħu. Jidher ukoll illi l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-akkużat

għar-rigward it-talba tiegħu sabiex jingħata l-libertà provviżorja u ċaħdet din it-talba. Fl-istess seduta l-Qorti ordnat li tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat u favur ta' Dorianne Pawney bil-kondizzjoni li tali ordni tibqa fis-seħħ sat-tmiem tal-proċeduri. L-imputat inżamm arrestat fil-faċilità korrettiva ta' Kordin. Tajjeb jingħad illi mill-atti ma jirriżultax x'kien is-segwitu ta' dawn il-proċeduri u jekk effettivament għadhomx pendenti.

Jirriżulta wkoll illi pendenti dawn il-proċeduri r-rikorrenti għamlet rapport ieħor fid-29 ta' Mejju 2022 dwar theddid u inġurja fil-kontront tagħha wara li din irrifjutat li tagħtih aċċess għall binthom minuri. Mhux magħruf x'passi ttieħdu in segwitu għal dan ir-rapport mhux biss għaliex l-uffiċjali tal-Pulizija ma xehdux dwar dan ir-rapport iżda wkoll għaliex in-notamenti li saru fuq tali rapport ġew mgħottija bl-iswed b'tali mod illi ma jistgħux jinqraw. Il-Qorti tosserva li in segwitu għal dan ir-rapport reġa sar *risk assessment* bis-sitwazzjoni terġa għal darb'oħra tiġi kkunsidrata bħala waħda *high risk*.

L-Ispettur Ransley xehed illi kull rapport dwar vjolenza domestika jirrikjedi li jsir *risk assessment* li solitament isir f'ħin qasir ferm. Jekk l-eżitu ta' dan l-assessjar ikun li hemm riskju għoli l-prassi titlob li l-aggressur jiġi arrestat minnufih. Huwa żied jgħid illi kien hemm inċident partikolari meta l-aggressur ta' Pawney ġie arrestat fuq rapport li għamlet hija stess u f'dik l-okkażjoni kien meħtieġ li l-aggressur jiġi rikoverat għall-kura. Xehed illi meta l-aggressur ħareġ mill-isptar, l-aggressur u r-rikorrenti marru l-għassa flimkien u dakinhar ingħatat l-impressjoni li kienu ghaddejjin tajjeb tant li flok tressaq il-Qorti taħt arrest, il-Pulizija ħarġet ċitazzjoni fil-konfront tiegħu.

Ir-rikorrenti xehdet dwar kif ħassitha mċekkna u mkissra meta kienet tqis li mhijiex tingħata attenzjoni biżżejjed mill-Pulizija. Tirrakonta dwar episodji meta ħassitha li l-Pulizija ma kinux qegħdin jieħdu bis-serjeta' l-ilmenti tagħha u l-biża li ħakmitha. Tgħid li kien hemm episodji fejn marret tagħmel rapport u l-Pulizija ħarġu barra jpejpu inkella episodju fejn minkejja r-rapport li għamlet fil-konfront tal-aggressur tagħha, l-Pulizija nsistew magħha li tmur l-isptar ħdejh bil-ħwejjeġ tiegħu u saħansitra żżommlu l-wild li kellu miż-żwieġ tiegħu. Tqis ukoll

illi l-Pulizija kienu passivi meta m'aġixxewx tempestivament u meta ma tawhiex informazzjoni dwar x'passi ttieħdu fuq ir-rapporti tagħha u dwar f'liema stadju kienu waslu l-proċeduri.

Essenzjalment l-ilment tar-rikorrenti fil-konfront tal-Pulizija huwa fis-sens illi minkejja r-rapporti li għamlet dawn naqsu milli jarrestaw u jressqu lill-aggressur tagħha quddiem il-Qorti b'mod tempestiv u b'hekk hi kompliet issofri minn aktar episodji ta' vjolenza domestika.

Il-Qorti fliet bir-reqqa n-nota ta' sottomissjonijiet li ressqu l-intimati u ma tistax ma tosservax li l-argument prinċipali hemm imressaq huwa fis-sens li r-rikorrenti tefgħet il-ġebla fuq sieqha meta minkejja li rat u daqet l-atteġġjament vjolenti/aggressiv tal-aggressur, hija għażlet li tibqa' miegħu tant li saħansitra ħarġet tqila għal darba, tnejn, tlieta. Ġie arguit illi partikolarment meta l-aggressur sforza lir-rikorrenti tabortixxi fl-okkażjoni tal-ewwel tqala minn din ir-relazzjoni, ir-rikorrenti messha għarfet ittemm ir-relazzjoni flok illi tibqa' mal-aggressur tagħha u terġa tinqabad tqila. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-intimati safejn dawn jargumentaw li r-rikorrenti messha tgħallmet mill-iżbalji tagħha madanakollu tifhem ukoll li dawn it-tip ta' relazzjonijiet huma morbużi b'tant li jġibu lill-vittma tiddependi fuq l-aggressur tagħha. Żgur illi l-aspett psikoloġiku ta' din ix-xorta ta' relazzjoni mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri u wisq u wisq anqas ma huwa l-kompitu tal-Qorti li tinoltra f'aspett li la għandha l-għarfien u lanqas il-kompetenza li titratta. Il-Qorti tqis ukoll anki li kieku stess ir-rikorrenti *qua* vittma għarfet ittemm ir-relazzjoni b'mod tempestiv, jibqa' l-fatt li ma setgħet qatt tipprevedi kif kien sejjer jirreaġixxi s-sieħeb tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma soda illi tali abbużi qatt ma jistgħu jiġu tollerati u/jew skużati u huwa proprju għalhekk li l-istat għandu jassumi rwol proattiv sabiex jevita tali inċidenzi. Il-punt kardinali mertu ta' dawn il-proċeduri huwa dak illi l-mekkaniżmu fis-seħħ fil-kamp tal-vjolenza domestika huwa mankanti, sprovvist minn qafas sod, effikaċi, preventiv u punittiv.

Fin-nota ta' sottmissjonijiet tagħha r-rikorrenti tiffoka fuq żewġ punti li jassumu mportanza partikolari fil-prevenżjoni u l-ġlieda effettiva kontra l-vjolenza domestika:

i. L-obbligu tal-Istat li jossevra *Due Diligence* biex jipprevjeni, jipproteġi u jirrispondi għar-reat ta' vjolenza domestika;

ii. Protezzjoni effettiva: aċċessibilità għal Protezzjoni u Implimentazzjoni, Investigazzjoni u Prosekuzzjoni.

Il-Qorti sejra tanalizza l-mertu tal-ilment tar-rikorrenti fil-kuntest tad-drittijiet u l-Artikoli rispettivi, liema drittijiet ir-rikorrenti tallega illi ġew leżi għad-detriment tagħha.

Fil-premessi r-rikorrenti tgħid illi ġew leżi d-drittijiet tagħha kif dawn jinsabu mħarsa taħt l-Artikoli 32, 36 u 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3, 8, 13, 14 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Il-Qorti però tosserva li fit-talbiet tagħha r-rikorrenti qegħda titlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijet tagħha ai termini tal-Artikoli 36, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3, 8, 13, 14 tal-Konvenzjoni.

Għad illi ma tressqet ebda talba dwar dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti taħt l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tosserva li dan l-Artikolu huwa biss introduttorju għal-lista ta' drittijiet fundamentali mħarsa mill-Kostituzzjoni. F'dan ir-rigward il-konvenut Avukat tal-iStat eċċepixxa illi ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ma tistax issib ksur tal-Artikolu 32tal-Kostituzzjoni u dan peress illi dan l-Artikolu mhuwiex qiegħed jistabbilixxi xi dritt.

Għal dak illi huwa ta' rilevanza għall-każ ta' llum, l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> "*kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun*

*tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju*".

Minn qari ta' din id-disposizzjoni jidher ċar illi l-Artikolu 32 mhu xejn għajr preambolu għad-drittijiet fundamentali kif elenkati u mħarsa ai termini tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni[1]. Dan għalhekk ifisser illi l-Artikolu 32 mhuwiex enforżabbli bil-konsegwenza li kull talba rigwardanti dan l-Artikolu sejra tiġi miċħuda.

Ir-rikorrenti lmentat ukoll minn leżjoni tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, biss ma ressqet ebda talba f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrenti abbażi ta' dawn l-artikoli.

Kwantu għat-talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-dritt tagħha taħt l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, stante l-fatt illi hija ma ressqet ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward, il-Qorti qegħda tqis din il-parti tal-ilment bħala rinunzjata.

**L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni**

Dawn l-Artikoli jħarsu d-dritt għall-protezzjoni minn trattament inuman.

Dik il-parti tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni li għandha siwi għall-kawża odejrna taqra hekk:

*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

[1] Ara: Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 1/06/2023; Dustin Bugeja vs Kummissarju tal-Pulizija et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12/07/2023; Diane Joelyn Portelli vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċibili u Tribunali (Għawdex) et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 7/10/2022; Saadia Chabab vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12/04/2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjoni b'deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2013.

L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni mbgħad jipprovdi illi:

> *Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Harris, O'Byle and Warbrick, f'Law of the European Convention on Human Rights[2] josservaw illi tradizzjonalment l-Artikolu 3 kien applikabbli f'kuntest fejn it-trattament jew il-piena kienu imposti mill-organi tal-istat jew minn xi awtorità pubblika. Kien għalhekk mifhum illi l-istat għandu l-obbligu li ma jassoġġettax lill-persuni fil-ġurisdizzjoni tiegħu għal trattament jew pieni li jesponu lil dawk il-persuni għal periklu ta' saħħa serju. Madankollu, maż-żmien sar żvilupp importanti billi l-kriterji applikabbli għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 ġew estiżi sabiex japplikaw ukoll għall-protezzjoni taċ-ċittadini privati kontra trattament inuman u degradanti inflitt fuqhom minn ċittadini oħra. Għalhekk, illum il-ġurnata l-Artikolu 3 jsib applikazzjoni wkoll fil-kuntest ta' abbużi fuq it-tfal u l-vjolenza domestika. Dan ifisser illi l-istat għandu l-obbligu li jħares liċ-ċittadini tiegħu mhux biss mill-organi tal-istat u l-awtoritajiet pubbliċi iżda wkoll miċ-ċittadini stess . F'dan ir-rigward l-iżvolta ġiet bid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Opuz vs Turkey deċiż fid-9 ta' Settembru 2009 liema każ kien jittratta vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li jikkontempla d-dritt għall-ħajja[3]. F'dan il-każ il-mara inqatlet kawża ta' vjolenza domestika. L-aggressur tagħha kien magħruf mal-awtoritajiet Torok għaliex kellu storja twila ta' inċidenti ta' vjolenza domestika. Madanakollu, minkejja l-fatt illi l-awtoritajiet kienu jafu tajjeb bl-istorja ta' vjolenza domestika, naqsu milli jkunu proattivi fit-tehid ta' miżuri li setgħu possibilment isalvaw il-ħajja tal-vittma. Għalkemm dan il-każ kien jittratta vjolazzjoni tal-Artikolu 2 stante l-fatt li kien hemm qtil, l-insenjamenti tal-Qorti f'dak il-każ ġew estiżi sabiex japplikaw ukoll għall-Artikolu 3 partikolarment fil-kuntest ta' vjolenza domestika. F'dan ir-rigward il-Qorti qalet hekk:

---

[2] Oxford University Press, 4th edition, pg. 279-280

[3] https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-92945%22]}

*128. The Court reiterates that the first sentence of Article 2 § 1 enjoins the State not only to refrain from the intentional and unlawful taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see L.C.B. v. the United Kingdom, 9 June 1998, § 36, Reports 1998-III). This involves a primary duty on the State to secure the right to life by putting in place effective criminal-law provisions to deter the commission of offences against the person backed up by law-enforcement machinery for the prevention, suppression and punishment of breaches of such provisions. It also extends in appropriate circumstances to a positive obligation on the authorities to take preventive operational measures to protect an individual whose life is at risk from the criminal acts of another individual (see Osman v. the United Kingdom, 28 October 1998, § 115, Reports 1998-VIII, cited in Kontrová v. Slovakia, no. 7510/04, § 49, 31 May 2007).*

*129. Bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources, the scope of the positive obligation must be interpreted in a way which does not impose an impossible or disproportionate burden on the authorities. Not every claimed risk to life, therefore, can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent that risk from materialising. For a positive obligation to arise, it must be established that the authorities knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk. Another relevant consideration is the need to ensure that the police exercise their powers to control and prevent crime in a manner which fully respects the due process and other guarantees which legitimately place restraints on the scope of their action to investigate crime and bring offenders to justice, including the guarantees contained in Articles 5 and 8 of the Convention (see Osman, cited above, § 116).*

*130. In the opinion of the Court, where there is an allegation that the authorities have violated their positive obligation to protect the right to life in the context of their above-mentioned duty to prevent and suppress offences against the person, it must be established to its satisfaction that the authorities knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual or individuals from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk. Furthermore, having regard to the nature of the right protected by Article 2, a right fundamental in the scheme of the Convention, it is sufficient for an applicant to show that the authorities did not do all that could be reasonably expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge. This is a question which can only be answered in the light of all the circumstances of any particular case (ibid.).*

Fil-każ ta' X and Others v Bulgaria[4], deċiż fit-2 ta' Frar 2021, il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem osservat illi:

*178. It emerges from the Court's case-law as set forth in the ensuing paragraphs that the authorities' positive obligations under Article 3 of the Convention comprise, firstly, an obligation to put in place a legislative and regulatory framework of protection; secondly, in certain well-defined circumstances, an obligation to take operational measures to protect specific individuals against a risk of treatment contrary to that provision; and, thirdly, an obligation to carry out an effective investigation into arguable claims of infliction of such treatment. Generally speaking, the first two aspects of these positive obligations are classified as "substantive", while the third aspect corresponds to the State's positive "procedural" obligation.*

[4] https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-207953%22]}

***(a) Positive obligation to put in place an appropriate legislative and regulatory framework***

*179. The positive obligation under Article 3 of the Convention necessitates in particular establishing a legislative and regulatory framework to shield individuals adequately from breaches of their physical and psychological integrity, particularly, in the most serious cases, through the enactment of criminal-law provisions and their effective application in practice (see S.Z. v. Bulgaria, cited above, § 43, and A and B v. Croatia, cited above, § 110). Regarding, more specifically, serious acts such as rape and the sexual abuse of children, it falls upon the member States to ensure that efficient criminal-law provisions are in place (see Söderman v. Sweden [GC], no. 5786/08, § 82, ECHR 2013, and M.C. v. Bulgaria, cited above, § 150). This obligation also stems from the provisions of other international instruments, such as, in particular, Articles 18 to 24 of the Lanzarote Convention (see paragraph 127 above). In that connection the Court reiterates that the Convention must be applied in accordance with the principles of international law, in particular with those relating to the international protection of human rights (see Streletz, Kessler and Krenz v. Germany [GC], nos. 34044/96 and 2 others, § 90, ECHR 2001-II, and Al-Adsani v. the United Kingdom [GC], no. 35763/97, § 55, ECHR 2001-XI).*

*180. The positive obligation of protection assumes particular importance in the context of a public service with a duty to protect the health and well-being of children, especially where those children are particularly vulnerable and are under the exclusive control of the authorities (see, in the context of primary education, O'Keeffe, cited above, § 145, and, in the context of a facility for disabled children and under Article 2 of the Convention, Nencheva and Others v. Bulgaria, no. 48609/06, §§ 106-16 and 119-20, 18 June 2013). It may, in some circumstances, require the adoption of special measures and safeguards. Hence, the Court has specified in relation to cases of child sexual abuse, particularly where the abuser is in a position of authority over the child, that the existence of useful detection and*

*reporting mechanisms is fundamental to the effective implementation of the relevant criminal laws (see O'Keeffe, cited above, § 148).*

***(b) Positive obligation to take operational protective measures***

*181. As with Article 2 of the Convention, Article 3 may, in certain circumstances, require a State to take operational measures to protect victims, or potential victims, of ill-treatment (see, mutatis mutandis, Osman v. the United Kingdom, 28 October 1998, § 115, Reports 1998-VIII).*

*182. However, this positive obligation is to be interpreted in such a way as not to impose an impossible or disproportionate burden on the authorities, bearing in mind the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources. Accordingly, not every risk of ill-treatment can entail for the authorities a Convention requirement to take measures to prevent that risk from materialising. However, the required measures should, at least, provide effective protection in particular of children and other vulnerable persons and should include reasonable steps to prevent ill-treatment of which the authorities had or ought to have had knowledge (see O'Keeffe, cited above, § 144).*

*183. Therefore, for a positive obligation to arise it must be established that the authorities knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk of ill-treatment of an identified individual from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk (see Đorđević v. Croatia, no. 41526/10, § 139, ECHR 2012, and Buturugă v. Romania, no. 56867/15, § 61, 11 February 2020).*

### *(c) Procedural obligation to carry out an effective investigation*

*184. Furthermore, where an individual claims on arguable grounds to have suffered acts contrary to Article 3, that Article requires the national authorities to conduct an effective official investigation to establish the facts of the case and identify and, if appropriate, punish those responsible. Such an obligation cannot be considered to be limited solely to cases of ill-treatment by State agents (see S.Z. v. Bulgaria, cited above, § 44, and B.V. v. Belgium, no. 61030/08, § 56, 2 May 2017).*

*185. In order to be effective, the investigation must be sufficiently thorough. The authorities must take reasonable measures available to them to obtain evidence relating to the offence in question (see S.Z. v. Bulgaria, cited above, § 45). They must always make a serious attempt to find out what happened and should not rely on hasty or ill-founded conclusions to close their investigation (see Bouyid v. Belgium [GC], no. 23380/09, § 123, ECHR 2015, and B.V. v. Belgium, cited above, § 60). Any deficiency in the investigation which undermines its ability to establish the facts or the identity of the persons responsible will risk falling foul of this standard (see Bouyid, cited above, § 120, and Batı and Others v. Turkey, nos. 33097/96 and 57834/00, § 134, ECHR 2004-IV (extracts)).*

*186. However, the obligation to conduct an effective investigation is an obligation not of result but of means. There is no absolute right to obtain the prosecution or conviction of any particular person where there were no culpable failures in seeking to hold perpetrators of criminal offences accountable (see A, B and C v. Latvia, no. 30808/11, § 149, 31 March 2016, and M.G.C. v. Romania, no. 61495/11, § 58, 15 March 2016). Furthermore, the Court is not concerned with allegations of errors or isolated omissions in the investigation: it cannot replace the domestic authorities in the assessment of the facts of the case, nor can it decide on the alleged perpetrators' criminal responsibility (see B.V. v. Belgium, cited above, § 61, and M.*

*and C. v. Romania, no. 29032/04, § 113, 27 September 2011). Likewise, it is not the Court's task to call into question the lines of inquiry pursued by the investigators or the findings of fact made by them, unless they manifestly fail to take into account relevant elements or are arbitrary (see S.Z. v. Bulgaria, cited above, § 50, and Y v. Bulgaria, no. 41990/18, § 82, 20 February 2020). Nevertheless, a failure to pursue an obvious line of inquiry can decisively undermine the investigation's ability to establish the circumstances of the case and the identity of those responsible (see M.N. v. Bulgaria, no. 3832/06, § 48, 27 November 2012, and Y v. Bulgaria, cited above, § 82).*

*187. Moreover, for an investigation to be effective, the institutions and persons responsible for carrying it out must be independent from those targeted by it. This means not only a lack of hierarchical or institutional connection but also a practical independence (see, among other authorities, Bouyid, cited above, § 118).*

*188. A requirement of promptness and reasonable expedition is also implicit in the obligation to carry out an investigation. In this connection the Court has considered it an essential requirement that investigations be promptly instituted and carried out. Regardless of the final outcome of the proceedings, the protection machinery provided for in domestic law must operate in practice within a reasonable time such as to conclude the examination on the merits of specific cases submitted to the authorities (see W. v. Slovenia, no. 24125/06, § 64, 23 January 2014; S.Z. v. Bulgaria, cited above, § 47; and V.C. v. Italy, no. 54227/14, § 95, 1 February 2018).*

*189. Moreover, the victim should be able to participate effectively in the investigation (see Bouyid, cited above, § 122, and B.V. v. Belgium, cited above, § 59). In addition, the investigation must be accessible to the victim to the extent necessary to safeguard his or her legitimate interests (see, in an Article 2 context, Giuliani and Gaggio v. Italy [GC], no. 23458/02, § 303, ECHR 2011 (extracts)).*

*190. The investigation's conclusions, meanwhile, must be based on thorough, objective and impartial analysis of all relevant elements (see A and B v. Croatia, cited above, § 108). Nevertheless, the nature and degree of scrutiny which satisfy the minimum threshold of the investigation's effectiveness depend on the circumstances of the particular case. They must be assessed on the basis of all relevant facts and with regard to the practical realities of investigation work (see, mutatis mutandis, Armani Da Silva v. the United Kingdom [GC], no. 5878/08, § 234, 30 March 2016).*

*191. The requirement of effectiveness of the criminal investigation may in some circumstances include an obligation for the investigating authorities to cooperate with the authorities of another State, implying an obligation to seek or to afford assistance. The nature and scope of these obligations will inevitably depend on the circumstances of each particular case, for instance whether the main items of evidence are located on the territory of the Contracting State concerned or whether the suspects have fled there (see, from the standpoint of Article 2 of the Convention, Güzelyurtlu and Others v. Cyprus and Turkey [GC], no. 36925/07, § 233, 29 January 2019). This means that the States concerned must take whatever reasonable steps they can to cooperate with each other, exhausting in good faith the possibilities available to them under the applicable international instruments on mutual legal assistance and cooperation in criminal matters. Although the Court is not competent to supervise respect for international treaties or obligations other than the Convention, it normally verifies in this context whether the respondent State has used the possibilities available under these instruments (ibid., § 235, and the references cited therein).*

Minn dawn l-insenjamenti isegwi illi tlieta huma l-obbligazzjonijiet tal-istat ai termini tal-Artikolu 3 u cioè:

i. l-obbligazzjoni li jfassal u jimplementa qafas leġislattiv adegwat u effettiv li mhux biss joffri protezzjoni iżda wkoll iservi ta' deterrent kontra l-vjolenza domestika;

ii. l-implementazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni immedjata u effettiva sabiex iħares l-inkolumità u l-integrità tal-vittma u tal-familjari tagħha;

iii. l-obbligu li titmexxa investigazzjoni effettiva kif ukoll it-tqegħid fis-seħħ ta' sistema ġudizzjarja daqstant ieħor effettiva sabiex tiġġieled u tipprevjeni l-vjolenza domestika.

Fil-każ tal-lum ir-rikorrenti tirrikonoxxi l-isforz da parti tal-istat fl-implimentazzjoni ta' diversi liġijiet fil-ġlieda kontinwa kontra l-vjolenza domestika. Dak li tikkontesta r-rikorrenti huwa n-nuqqas ta' riżorsi li jgawdu minnhom l-awtoritajiet rispettivi u li konsegwenza ta' tali nuqqasijiet l-awtoritajiet qegħdin jiġu reżi nkapaċi li jaġixxu tempestivi waqt li tkompli titħeġġeġ klima ta' impunità fost il-perpetraturi tar-reat in kwistjoni.

Ir-rikorrenti tfisser illi d-drittijiet tagħha ai termini tal-Artikolu 3 ġew imkasbra meta l-azzjoni li ttieħdet mill-Pulizija ma kienitx waħda effettiva sabiex toffrilha l-akbar grad ta' protezzjoni. Ir-rikorrenti xehdet estensivament dwar il-varji inċidenti ta' vjolenza domestika li sfat vittma tagħhom. Xehdet ukoll dwar id-diversi rapporti li kienet kostretta tagħmel fil-konfront tal-aggressur tagħha. Għalkemm in atti ma ġewx esebiti r-rapporti kollha li saru mir-rikorrenti matul is-snin, l-intimati ma kkontestawx ix-xhieda tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

Jirriżulta li ttieħdet azzjoni fil-konfront tar-rikorrenti f'żewġ okkażjonijiet speċifiċi u cioè in segwitu għar-rapport tad-29 ta' Mejju 2019 u in segwitu għar-rapport tal-20 ta' Mejju 2020. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet l-aggressur ġie arrestat u mressaq il-Qorti taħt arrest. Ma jirriżultax li ttieħdet azzjoni fir-rigward ta' rapporti oħra li saru mir-rikorrenti. Fil-fatt, għalkemm jidher mill-atti li r-rikorrenti reġgħet kienet kostretta tirraporta inċident

ieħor fid-29 ta' Mejju 2022, ma jirriżultax li ttieħdet azzjoni dwar dan. Ir-rikorrenti ġustament tilmenta mill-fatt illi dan in-nuqqas nissel fl-aggressur stat t'impunità bil-konsegwenza li ppersevera fl-aġir tiegħu u kompla jassoġġetta lir-rikorrenti għal aktar abbużi.

Il-każ tar-rikorrenti huwa każ ili sfortunatament ilu għaddej is-snin. Waqt illi wieħed jistenna li l-Pulizija jkunu ben informati dwar il-preċedenti f'dak il-każ u b'hekk ikunu jistgħu jaġixxu tempestivi, mill-atti irriżulta eżattament il-kuntrarju. L-Ispetturi Ransley u Sheldon xehdu illi meta jidħol rapport f'għassa distrettwali, il-Pulizija ta' dik l-għassa jkunu edotti biss minn dak illi jiġi rrapurtat lilhom. Jidher illi l-Pulizija huma nieqsa minn sistema ċentralizzata li biha jkunu jafu x'rapporti jkun hemm in konnessjoni ma' każ speċifiku jew ma' aggressur partikolari. Fil-fatt l-Ispettur Ransley xehed illi ma kienx infurmat dwar rapporti li saru mir-rikorrenti f'għases oħra. Żgur illi dan huwa nuqqas serjissimu għaliex li kieku tezisti sistema ċentralizzata, minnufih malli jidħol rapport il-Pulizija wieħed ikun jista' jirriċerka x'informazzjoni għandha fuq aggressur speċifiku, x'kawżi hemm pendenti fil-konfront tiegħu u fuq kollox il-Pulizija tkun mgħarrfa dwar ordnijiet ta' trazzin jew ta' protezzjoni maħruġa proprju fil-konfront ta' dak l-aggressur u l-vittma li tkun qed tirraporta. B'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar illi tagħmel evalwazzjoni tar-riskju f'dak il-każ. Il-vittma tkun għaddejja minn trawma, m'hemmx bżonn jiżdied aktar piż fuqha li ma kull rapport ikollha terġa tibda tirrakkonta l-istorja ta' ħajjitha jekk mhux addirittura turi kull dokumentazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha biex tikkonvinċi lill-Pulizija mill-veraċità ta' dak li tkun qegħda tgħid. Tali nuqqasijiet iservu sabiex jimminaw serjament il-fiduċja tal-poplu fl-istituzzjonijiet tant illi kif xehdet ir-rikorrenti tispiċċa ssib ruħha f'sitwazzjoni fejn ma tmurx tirraporta inċident għaliex taqta' qalbha jew mill-effikaċita' tal-pulizija fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jew mill-Qrati fl-ispeditezza sabiex jagħtu sentenza. Naturalment ir-riżorsi li l-istat ipoġġi f'idejn l-organi tiegħu jassumu rwol ċentrali fil-kwistjoni tal-effikaċja li bihom tittieħed azzjoni u l-aggressur jiġi punit.

Mill-provi akkwiżiti jidher illi kull każ riportat mir-rikorrenti ġie trattat singolarment bir-rikorrenti terġa tiġi sottomessa għal *risk assessment* ġdid. Kieku l-Pulizija kellha sistema ċentralizzata

żgur illi f'tebqa t'għajn kienet tara li f'dan il-każ l-inċidenti kienu ripetuti u li allura r-riskju baqa' dejjem wieħed għoli kif *del resto* ħareġ minn kull *risk assessment* li sar mill-ħaddiema soċjali. Tant dan il-każ kien jimporta riskju għoli li l-ħaddiema soċjali stess xehdu dwar kemm kienu mħassba dwar l-integrità u s-sigurtà tar-rikorrenti tant li kellhom huma stess jitolbu appuntament mal-Ispettur Ransely sabiex jingħataw aktar informazzjoni dwar l-istadju tal-investigazzjoni u l-proċeduri. Intant, l-aggressur baqa' *a piede libero* jippersegwita u jiffastidja lir-rikorrenti u dan minkejja l-fatt li fid-29 ta' Lulju 2019 inħarġet fil-konfront tiegħu ordni ta' trazzin valida għal tlett snin bil-kondizzjoni espliċita li jekk jikser din l-ordni jiġi arrestat minnufih.  Biss, huwa ovvju li jekk il-Pulizija ma kellhomx informazzjoni dwar dik l-ordni ma setgħux jarrestaw lill-aggressur għaliex kiser dik l-ordni.

Ta' tħassib impellenti għal din il-Qorti huwa d-dewmien sabiex ittieħdet azzjoni fil-kuntest tar-rapport li għamlet ir-rikorrenti fil-11 ta' Mejju 2020.  F'dan il-każ ir-rikorrenti, li kienet maqfula ġewwa darha imwerwra mill-aggressur tagħha, ċemplet l-għassa tal-Imsida sabiex tirraportah li kien qiegħed jheddida u jbeżżaha. Ir-rikorrenti ntalbet tirrikorri personalment ġewwa l-għassa tal-Imsida u dan minkejja li kienet diġa avżat lill-pulizija li kienet imwerwra li toħroġ minn darha.  Zbaljaw il-Pulizija li nsistew mar-rikorrenti biex tmur l-għassa għaliex sakemm toħroġ mid-dar u tmur l-għassa ir-rikorrenti seta' ġralha minn kollox.  Intant, r-rikorrenti talbet lill-Pulizija jmorru fir-residenza tagħha biss ġara li fl-istess ħin seħħ inċident fatali u l-Pulizija kienu sprovvisti minn riżorsi suffiċjenti sabiex ilaħħqu maż-żewġ każijiet!  Dan juri li l-każijiet ta' vjolenza domestika, nonostante l-urġenza li tittieħed azzjoni immedjata, ma jgawdux bizzejjed prijorità fuq każijiet oħra.

Fil-11 ta' Mejju 2020 ma ttieħdet ebda azzjoni u r-rikorrenti ġiet diretta tagħmel rapport permezz t'*e-mail*, mezz li r-rikorrenti ma kienitx taf tuża u allura ma setgħetx tagħmel ir-rapport tagħha. Fit-12 ta' Mejju 2020 l-Avukat tal-fiduċja tar-rikorrenti bagħtet rapport permezz ta' *e-mail* liema *e-mail* ġiet *acknowleged* dak inhar stess.  F'din l-*e-mail* l-Avukat tar-rikorrenti ġiet infurmata hekk:

"*Please note that we will be back on duty on the 15th May 2020 due to our change of shift so that the official Police report will be logged in the system on the date mentioned*."

Żgur illi *change of duty* mhijiex skużant speċjalment f'każ fejn kien hemm riskju għoli għas-saħħa u s-sigurtà tar-rikorrenti li fil-frattemp baqgħet imbeżża ġewwa darha tant li reġgħet għamlet rapport ieħor fil-15 ta' Mejju 2020 u ieħor fis-16 ta' Mejju 2020. Nonostante illi l-affarijiet kienu ilhom jeskalaw, ir-*risk assessment* sar biss fis-17 ta' Mejju 2020 meta kienet l-Avukat tar-rikorrenti li fl-*e-mail* tagħha tat-12 ta' Mejju 2020 digà għarrfet lill-Pulizija dwar il-gravità tas-sitwazzjoni u dwar l-ordni ta' trazzin fil-konfront tiegħu. Fir-rigward ta' l-ordni ta' trazzin l-Ispettur Ransley xehed testwalment illi:

> "*Dwar il-protection orders ma hemmx sistema ċentralizzata ta' informazzjoni. Mhux qed jobdi l-ordni. M'hemmx proċedura standard meta jkollna rapport ta' ksur ta' ordni ta' trażżin*."

L-aggressur ġie arrestat fit-18 ta' Mejju 2020 u cioè xejn anqas minn sebat'ijiem wara r-rapport tar-rikorrenti tal-11 ta' Mejju 2020. Tenut kont tal-istorja twila t'inċidenti bejn ir-rikorrenti u l-aggressur tagħha kif ukoll tal-Ordni ta' Trazzin li huwa kien qiegħed jikser flagrantement, l-arrest tiegħu messu kien immedjat! Huwa ta' twaħħix il-ħsieb illi bejn il-11 ta' Mejju 2020 u t-18 ta' Mejju 2020 setgħet seħħet l-akbar traġedja. Dan id-dewmien, partikolarment id-dewmien fl-infurzar tal-ordni ta' trazzin jikkonferma li l-Istat naqas serjament fl-obbligazzjoni tiegħu li jimplimenta miżuri ta' protezzjoni immedjata u effettiva sabiex iħares l-inkolumità u l-integrità tal-vittma u tal-familjari tagħha.

Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta wkoll nuqqas serju ħafna fir-rigward tat-tielet obbligazzjoni tal-istat u cioè li ssir investigazzjoni effettiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota b'dispjaċir dak illi xehed l-Ispettur Ransley meta qal li l-Korp tal-Pulizija qajla jirċievi taħriġ speċjalizzat fir-rigward ta' każijiet ta' vjolenza domestika. Dan huwa nuqqas serjissimu. Huwa xehed kif kien biss riċentement illi l-Pulizija ngħatat xi taħriġ f'dan il-qasam.

Il-każistika tal-Qorti Ewropea titkellem dwar il-ħtieġa li l-investigazzjoni tieħu in konsiderazzjoni l-vulnerabilità tal-vittma u li l-każ jiġi trattat b'ħeffa u jingħata prijorità. In-nuqqas ta' taħriġ li tingħata l-pulizija ċertament illi jxekkel dan kollu. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva l-leġġerezza li xehed biha l-Ispettur Ransely meta fir-rigward ta' allegazzjonijiet dwar stupru da parti tar-rikorrenti huwa qal li huwa jieħu tali allegazzjonijiet "*with a pinch of salt*". Żied jispejga illi meta jgħid dan irid ifisser illi "*mhux igifieri ma nagħtix kashom però jiena ma nagħmilx domandi diretti*." Mela allura jekk fl-investigazzjoni ma jsirux domandi diretti, kif tista' l-Pulizija taċċerta ruħha mil-fatti? Kif tista' tempatizza mal-vittma u tagħtiha dak is-sapport li tkun teħtieġ? Fuq kollox, jekk l-allegazzjonijiet jittieħdu *with a pinch of salt*, kif tista' tiġi assigurata' l-aqwa protezzjoni lill-vittma. Il-Qorti tqis illi forsi l-Ispettur Ransley m'użax il-kliem preċiż sabiex jesprimi kif jittratta dawn il-każijiet, biss tali dikjarazzjonijiet ma jinstawrawx sens ta' fiduċja u sigurtà. Lanqas ma jfisser li l-fehma tal-Ispettur Ransley hija kondiviża mill-bqija tal-Korp, biss f'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-animu tar-rikorrenti meta din tgħid kif ħassitha meta marret tagħmel rapport u l-pulizija ħarġu jpejjpu barra flok illi tawha l-attenzjoni u l-għajnuna kollha li kienet teħtieġ. Tinnota wkoll il-fatt li r-rikorrenti tilfet il-fiduċja tagħha fl-istituzzjonijiet meta rat il-kunfidenzi li kellu l-aggressur mal-Pulizija li kienet mistennija mir-rikorrenti li tittratta mal-aggressur tagħha b'serjetà u saħansitra tarrestah!

Aspett ieħor li tilmenta minnu r-rikorrenti huwa n-nuqqas tal-Istat li jipprovdi lill-vittma b'aċċessibilità għall-investigazzjoni u għall-progress li jkun qiegħed isir kemm fl-investigazzjoni kif ukoll fil-proċess ġudizzjarju. Ir-rikorrenti tgħid illi f'dan ir-igward ma ngħatatx informazzjoni tant illi għamlet rapporti li lanqas biss taf x'ġara minnhom. F'dan ir-rigward l-Ispettur Ransley xehed illi in kwantu l-aħħar rapport li sar mir-rikorrenti "*ma nafx li ħadu azzjoni*". Intant, anki pendenti <u>dawn</u> il-proċeduri r-rikorrenti kellha tagħmel aktar rapporti bl-aħħar wieħed li kopja tiegħu tirriżulta fl-atti huwa dak tad-29 ta' Mejju 2022. Dan kollu jkompli jikkonferma l-ineffikaċità tas-sistema fil-kumplessità tagħha.

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll mid-dewmien fil-proċeduri ġudizzjarji. F'dan ir-rigward il-Qorti trid qabel xejn tosserva x-xogħol siewi li jitwettaq mill-Qrati tal-Maġistrati biss fl-istess ħin ma tistax ma tosservax illi n-nuqqasijiet li ripetutament jilmenta minnhom il-pubbliku fil-konfront tal-ġudikatura huma dovuti għal żewġ fatturi ewlenija: nuqqas ta' riżorsi umani sabiex il-Qrati jaħdmu b'effiċjenza kif ukoll nuqqas serjissimu ta' spazju fejn isiru s-seduti. Minkejja l-isforzi notevoli li l-istat wettaq f'dawn l-aħħar snin sabiex jiżdiedu l-awli kif ukoll il-membri tal-ġudikatura, xorta jibqa' l-fatt li dan mhuwiex biżżejjed sabiex ilaħħaq mad-domanda u mal-kawżi li kull ma jmur dejjem aktar jiżdiedu. Sfortunatamet dawn iż-żewġ fatturi magħduda lkoll flimkien qegħdin iwasslu għal dewmien inevitabbli fil-proċeduri bil-konsegwenzi kollha li dan qiegħed iġib miegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt il-Qorti qegħda ssib illi r-rikorrenti ġarrbet ksur tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

L-Artikolu 44 jikkontempla d-dritt għall-protezzjoni tal-liberta u moviment tal-individwu fejn għal dak illi jolqot il-każ tal-lum "*libertà tfisser id-dritt ta' moviment liberu ġewwa Malta*".

L-Artikolu 8 jitkellem dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Id-Disposizzjoni taqra hekk:

> *1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti,*

*għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.*

Issir referenza għall-każ ta' B vs The Republic of Moldova[5] deċiż mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-16 ta' Lulju 2013 fejn ingħad hekk:

*"69. The Court reiterates that while the essential object of Article 8 of the Convention is to protect the individual against arbitrary action by public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in effective "respect" for private and family life, and these obligations may involve the adoption of measures in the sphere of the relations of individuals between themselves. Children and other vulnerable individuals, in particular, are entitled to effective protection (see X and Y v. the Netherlands, 26 March 1985, §§ 23-24 and 27, Series A no. 91, and August v. the United Kingdom (dec.), no. 36505/02, 21 January 2003).*

*70. As regards respect for private life, the Court has previously held, in various contexts, that this concept includes a person's physical and psychological integrity. Under Article 8 the States have a duty to protect the physical and psychological integrity of an individual from the actions of others. To that end they are to maintain and apply in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals (see X and Y v. the Netherlands, cited above, §§ 22 and 23; Costello-Roberts v. the United Kingdom, 25 March 1993, § 36, Series A no. 247-C; D.P. and J.C. v. the United Kingdom, no. 38719/97, § 118, 10 October 2002; M.C. v. Bulgaria, no. 39272/98, §§ 150 and 152, ECHR 2003-XII; A v. Croatia, no. 55164/08, § 60, 14 October 2010; and Hajduová v. Slovakia, no. 2660/03, § 46, 30 November 2010). The Court notes in this respect that the particular vulnerability of the victims of domestic violence and the need for active State involvement in their protection has been emphasised in a number of international instruments (referred to in the cases Bevacqua, cited*

[5] https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-122372%22]}

*above, §§ 64-65, and Sandra Janković v. Croatia, no. 38478/05, §44-45, ECHR 2009-... (extracts)).*

***(b) Application of these principles in the present case***

*71. In the present case, the Court notes that the applicant's physical and moral integrity, which is covered by the concept of private life (see X and Y v. the Netherlands, 26 March 1985, § 23, Series A no. 91), has been affected by periodic abuse on the part of V.B. It refers, in this respect, to its findings made in paragraphs 54-58 above concerning the suffering and anxiety which the applicant felt in her own apartment, being faced with the real possibility of ill-treatment there.*

*72. Moreover, the authorities were well aware of these circumstances, as they had been submitted to the police and the domestic courts. In the Court's view, this should have provoked the authorities to act, as they were required in accordance with their positive obligations under Article 8 of the Convention.*

*73. The Court reiterates that its task is not to substitute itself for the competent domestic authorities in determining the most appropriate methods for protecting individuals from attacks on their personal integrity, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in the exercise of their powers. The Court will therefore examine whether the national authorities, especially the courts, in handling the case, have been in breach of their positive obligation under Article 8 of the Convention (see Sandra Janković, cited above, § 46).*

*74. It notes in this respect that in reversing the lower courts' decisions on 20 May 2009 the Supreme Court of Justice did not find the six sets of administrative proceedings against V.B. as proving with sufficient certainty a pattern of his violent behaviour against the first applicant. In the 2011 proceedings, the courts simply referred to the judgment of 20 May 2009 to confirm V.B.'s right not to be evicted from the apartment, without any consideration of the further acts*

*of violence committed by him in 2010 and 2011. They did not make any attempt to determine whether V.B.'s right to use the apartment had been exercised in a manner violating the first applicant's rights under Article 8 of the Convention and in breach of Article 102 of the Housing Code (see paragraph 22 above).*

*75. In such circumstances, the Court concludes that the domestic authorities did not properly comply with their positive obligations under Article 8 of the Convention. They failed to balance the rights involved and effectively forced the first applicant to continue risking being subjected to violence or to leave home.*

(Ara wkoll: **F. O. vs Croatia** deċiż fis-6 ta' Settembru 2021 §78 - §84[6]).

F'dan il-każ l-integrità tar-rikorrenti kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 8 u l-libertà tagħha kif imħarsa permezz tal-Artikolu 44 ġiet serjament kompromessa minħabba nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet ikkonċernati u finalment da parti tal-Istat li naqas milli jassigura mekkaniżmu effiċjenti fil-ġlieda kontra r-reat tal-vjolenza domestika. Minħabba dawn in-nuqqasijiet ir-rikorrenti kompliet issofri aktar episodji ta' vjolenza domestika li wasslu għal eżawriment, kif ukoll li tissakkar ġewwa darha mwerwra li jekk toħroġ ser issib lill-aggressur tagħha ma' wiċċha bir-riskji gravissimi li tali inkontru seta' jġib miegħu. Hawnhekk il-Qorti terġa tagħmel referenza għall-kunsiderazzjonijiet li diġa għamlet fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha dwar il-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 3.

Kif diġà ingħad l-awtoritajiet ikkonċernati, partikolarment il-Pulizija anki jekk ma kienux provduti b'sistema ċentralizzata ta' informazzjoni, kienu qegħdin jirċievu kull informazzjoni mingħand ir-rikorrenti personalment, mingħand l-Avukat tagħha u mingħand il-ħaddiema soċjali li segwew il-każ. Ġew ukoll provduti bl-informazzjoni fir-rigward tal-ordni ta' trazzin u kellhom aċċess għall-fedina penali tal-aggressur tar-rikorrenti. Din l-informazzjoni kellha tkun suffiċjenti sabiex il-proċess li

[6] https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-209331%22]}

wassal għall-arrest ta' Caruana fit-18 ta' Mejju 2020 jitmexxa b'aktar speditezza u fuq kollox sabiex rapporti oħra li setgħu saru mir-rikorrenti jiġu mħaffa. Dan ma sarx bil-konsegwenza li n-nuqqas t'azzjoni f'waqta' kompliet tesponi lir-rikorrenti u lill-familjari tagħha għal aktar riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħha b'tant illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni hija waħda lampanti.

**L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni**

Id-disposizzjonijiet in kwistjoni jħarsu d-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba fost l-oħrajn is-sess.

Dik il-parti tal-Artikolu 45 li hija rilevanti għall-każ ta' llum taqra hekk:

*"(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u(8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.*

*(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta'deskrizzjoni oħra bħal dawn."*

L-Artikolu 14 jipprovdi illi:

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza,*

*kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."*

Minn analiżi tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar it-tema in diskussjoni toħroġ it-tendenza illi fejn il-Qorti ddikjarat vjolazzjoni tal-Artikolu 3 sabet ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 14. L-argument tal-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward huwa fis-sens illi n-nuqqas ta' protezzjoni offruta lill-vittimi ta' vjolenza domestika, li tendenzjalment huma nisa, tekwivali għal diskriminazzjoni abbażi ta' sess.

Fil-każ ta' Opuz vs Turkey supra ċitat, ingħad hekk:

*199. The Court has established that the criminal-law system, as operated in the instant case, did not have an adequate deterrent effect capable of ensuring the effective prevention of unlawful acts by H.O. against the personal integrity of the applicant and her mother and thus violated their rights under Articles 2 and 3 of the Convention.*

*200. Bearing in mind its finding above that the general and discriminatory judicial passivity in Turkey, albeit unintentional, mainly affected women, the Court considers that the violence suffered by the applicant and her mother may be regarded as gender-based violence which is a form of discrimination against women. Despite the reforms carried out by the Government in recent years, the overall unresponsiveness of the judicial system and impunity enjoyed by the aggressors, as found in the instant case, indicated that there was insufficient commitment to take appropriate action to address domestic violence (see, in particular, section 9 of the CEDAW Committee's General Recommendation No. 19, cited at paragraph 74 above).*

*...*

*202. In view of the above, the Court concludes that there has been a violation of Article 14 of the Convention, read in conjunction with Articles 2 and 3, in the instant case.*

Fuq l-istess binarju kien il-ħsieb tal-Qorti fil-każ ta' Volodina vs Russia[7] deċiż fl-4 ta' Novembru 2019 fejn ingħad hekk:

> *109. According to the Court's settled case-law, in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous or relevantly similar situations. Such a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification. The Court has also accepted that <u>a general policy that has disproportionately prejudicial effects on a particular group may be considered to constitute discrimination</u>, even where it is not specifically aimed at that group and there is no discriminatory intent. Discrimination that is contrary to the Convention may also result from a de facto situation (see D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, and S.A.S. v. France [GC], no. 43835/11, § 161, ECHR 2014 (extracts)).*
>
> *110. Having regard to the terms of specialised legal instruments – primarily the CEDAW Convention, and the work of the CEDAW Committee – the Court has recognised that violence against women, including domestic violence, is a form of discrimination against women. The State's failure to protect women against domestic violence breaches their right to equal protection of the law, irrespective of whether such failure is intentional or not (see Opuz, cited above, §§ 185-91). In its general recommendation No. 19 (1992) on violence against women, the CEDAW Committee clarified that the definition of discrimination against women in Article 1 of the CEDAW Convention includes gender-based violence, which is understood as violence that "is directed against a woman because she is a woman or that affects women disproportionately" (see paragraph 52 above). Twenty-five years later, the Committee's general recommendation No. 35 (2017) affirmed that the prohibition of gender-based violence against women as a form of discrimination against women has evolved into a principle of customary international law (see paragraph 55 above).*

---

[7] https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-194321%22]}

*111. As regards the distribution of the burden of proof in discrimination cases, the Court has held that once an applicant has shown that there has been a difference in treatment it is then for the respondent Government to show that that difference in treatment could be justified (see D.H. and Others, cited above, § 188). Within the context of violence against women, if it has been established that it affects women disproportionately, the burden shifts onto the Government to demonstrate what kind of remedial measures the domestic authorities have deployed to redress the disadvantage associated with gender and to ensure that women can exercise and fully enjoy all human rights and freedoms on an equal footing with men. The Court has repeatedly held that the advancement of gender equality is today a major goal in the member States of the Council of Europe and that a difference in treatment that is aimed at ensuring substantive gender equality may be justified, and even required, under Article 14 of the Convention (see Konstantin Markin v. Russia [GC], no. 30078/06, § 47, ECHR 2012 (extracts), and Ēcis v. Latvia, no. 12879/09, §§ 84-86, 10 January 2019). Substantive gender equality can only be achieved with a gender-sensitive interpretation and application of the Convention provisions that takes into account the factual inequalities between women and men and the way they impact women's lives. Article 14 does not prohibit a member State from treating groups differently in order to correct "factual inequalities" between them; indeed, in certain circumstances a failure to attempt to correct inequality through different treatment may in itself give rise to a breach of this Article (see D.H. and Others, cited above, § 175).*

*...*

*113. In domestic-violence cases, the Court has referred to reports by international and local human-rights organisations, periodic reports by the CEDAW Committee, and statistical data from the authorities and academic institutions to establish the existence of a prima facie indication that domestic violence affects mainly women and*

*that the general attitude of the local authorities – such as the manner in which the women are treated at police stations when they report domestic violence and judicial passivity in providing effective protection to victims – creates a climate that is conducive to domestic violence (see Opuz, cited above, §§ 192-98, and Halime Kılıç v. Turkey, no. [63034/11](#), §§ 117-18, 28 June 2016). The Court has reached a similar conclusion in other cases in which the domestic authorities failed to appreciate the seriousness and extent of the problem of domestic violence. It found that their actions had gone beyond a simple failure or delay in dealing with violence against women and amounted to a repetition of acts condoning such violence and reflecting a discriminatory attitude towards victims on account of their sex (see Eremia, § 89; Mudric, § 63; T.M. and C.M. v. the Republic of Moldova, § 62; Talpis, § 145; and Bălșan, § 85, all cited above).*

*114. Once a large-scale structural bias has been shown to exist, such as that in the above-mentioned cases, the applicant does not need to prove that she was also a victim of individual prejudice. If, however, there is insufficient evidence corroborating the discriminatory nature of legislation and practices or of their effects, proven bias on the part of any officials dealing with the victim's case will be required to establish a discrimination claim. In the absence of such proof, the fact that not all of the sanctions and measures ordered or recommended have been complied with does not in itself disclose an appearance of discriminatory intent on the basis of sex (see A. v. Croatia, §§ 97-104, and Rumor, §§ 76-77, both cited above).*

***(a) Applicability of Article 14 in conjunction with Article 3***

*115. The Court reiterates that, for Article 14 to become applicable, a violation of one of the substantive rights guaranteed by the Convention is not required. It suffices that the facts of the case fall "within the ambit" of another substantive provision of the Convention or its Protocols (see Khamtokhu and Aksenchik v. Russia [GC],*

*nos. 60367/08 and 961/11, § 53, 24 January 2017). It has found above that the applicant was subjected to inhuman treatment which the State failed to prevent (see paragraphs 75 and 102 above); accordingly, the facts of the case fall "within the ambit" of that provision.*

*116. As to the requirement that an alleged difference in treatment relate to any of the grounds in Article 14, the Court notes that "sex" is explicitly mentioned in Article 14 as a prohibited ground of discrimination. Article 14 of the Convention taken in conjunction with Article 3 is therefore applicable in the present case.*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għar-raġunament u l-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti fil-każ ta' Tunikova and Others vs Russia[8] deċiż mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-14 ta' Marzu 2022. Ingħad hekk:

*127. The Court reiterates that a general policy or a de facto situation which has disproportionately prejudicial effects on a particular group may constitute discrimination against that group within the meaning of Article 14 of the Convention even where it does not specifically target that group and where no discriminatory intent has been established. Violence against women, including domestic violence, is a form of discrimination against women on account of their sex. The State's failure to protect women against domestic violence breaches their right to equal protection of the law, irrespective of whether such failure is intentional or not (see Opuz, §§ 185-91, and Volodina, §§ 109-10, both cited above).*

*128. In Volodina, on the strength of evidence submitted by the applicant and information from independent domestic and international sources, the Court has found clear indications that domestic violence disproportionately affects women in Russia. Women make up a large majority of victims of domestic offences in the police statistics, violence against women is largely under-reported and under-*

[8] https://hudoc.echr.coe.int/eng#{%22itemid%22:[%22001-213869%22]}

*recorded, and women have a much lesser chance to secure prosecution and conviction of their abusers owing to the domestic classification of such offences (ibid., §§ 119-24). Data provided by the applicants for the period up until the end of 2018 show that this trend has continued unabated. Even according to the Government's account, the number of women victims of violent assaults occurring in a family context is staggering; over 13,000 women have reported abuse by their husbands, while the number of those who have been assaulted by unmarried partners or suffered violence or other forms of abuse without reporting it remains unknown.*

*129. The Court has further held that the <u>continued failure to adopt legislation to combat domestic violence</u> and the absence of any form of protection orders clearly demonstrate that the Russian authorities were reluctant to acknowledge the seriousness and extent of the problem of domestic violence in Russia and its discriminatory effect on women. By tolerating for many years a climate which was conducive to domestic violence, the Russian authorities have failed to create conditions for substantive gender equality that would enable women to live free from fear of ill-treatment or assaults on their physical and psychological integrity and to benefit from the equal protection of the law (ibid., § 132). Those findings which related to the general situation of women prevailing in Russia at that time, are also applicable in the circumstances of the present case. Since a structural bias has been shown to exist, the applicants did not need to prove that they were also victims of individual prejudice (ibid., § 114).*

*130. There has accordingly been a violation of Article 14 of the Convention, taken in conjunction with Article 3.*

Fil-kaz odjern, madanakollu, ma ngabetx lil din il-Qorti prova sodisfacenti ta' xi "continued failure to adopt legislation to combat domestic violence" (ara l-kaz Turnikova citat). Lanqas ma sabet "proven bias on the part of any officials dealing with the victim's case" jew prova ta' "a general policy that has disproportionately prejudicial effects on a particular group".

Lanqas ma l-Qorti tirriskontra "general attitude ...... conducive to domestic violence" (ara l-kaz Volodina citat).

Minkejja li r-rikorrenti sofriet minhabba n-nuqqasijiet kbar li esperjenzat mill-awtoritajiet fil-konfront taghha, u hawnhekk il-Qorti terga tirreferi pjenament ghax-xhieda tal-haddiema socjali inkarigati mill-kaz taghha i l-iter gudizzjarju in konnessjoni mieghu, din il-Qorti ma tiqsx li dan iwassal ghal sejba ta' lezjoni tad-drittijiet protetti bl-Art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 14 tal-Konvenzjoni.

Stabbilit illi r-rikorrenti ġarrbet leżjoni tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni kif ukoll ai termini tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni, imiss issa illi l-Qorti tgħaddi sabiex tagħti lir-rikorrenti rimedju għal-leżjoni subita.

F'dan il-każ il-leżjoni mġarrba setgħet potenzjalment issarfet fl-akbar traġedja. Il-piena psikoloġika li għaddiet minnha r-rikorrenti hija waħda serjissima kkaratterizzata minn biża għas-saħħa u s-sigurtà tagħha u tal-familja tagħha, biża li fi kliem ir-rikorrenti kissritha. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda takkorda b'kumpens is-somma ta' €30,000.

Din is-somma għandha titħallas interament mill-Avukat tal-Istat *qua* rappreżentant tal-Istat għaliex anki jekk fil-prattika jidher illi n-nuqqasijiet twettqu mill-Pulizija eżekuttiva, dan in-nuqqas huwa dovut għal nuqqasijiet aktar serji da parti tal-Istat kif fuq ingħad.

Ferm il-premess, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ebda likwidazzjoni ta' kumpens ma tista' qatt tkun bizzejjed biex tħares liċ-ċittadini minn episodji ta' vjolenza domestika. Huwa biss qasaf leġislattiv effettiv u b'saħħtu li jista' jissielet din il-battalja u jservi sabiex jagħti l-protezzjoni u s-serħan il-moħħ li għandhom jirrenjaw bejn l-erba' ħitan tad-dar u fir-relazzjonijiet intimi.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kif dedotti.

2. Tilqa’ l-ewwel talba limitatament u tiddikjara illi r-rikorrenti ġarrbet leżjoni tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni kif ukoll ai termini tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Tilqa’ t-tielet talba u filwaqt li tillikwida kumpens fl-ammont ta’ tletin elf Ewro (€30,000), tikkundanna l-Avukat tal-Istat ihallas lil Dorianne Pawney is-somma hekk likwidata.

L-ispejjeż jitħallsu interament mill-Avukat tal-Istat.

IMHALLEF

DEP/REG